MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Marzu, 2005

Numru 104/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Silvio Valletta)**
**vs**
**Carmel Grima**

Il-Qorti rat l-imputazzjoni miguba kontra **Carmel Grima**, bin Emanuel u Maria Antonia nee' Grima, mwieled B'Kara nhar it-22 ta' Frar, 1949, residenti f' 49 'Lusa', Triq il-Kbira, B'Kara w detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 217949(M);

Talli fit-30 ta' Gunju, 2004 u snin ta' qabel minn gewwa l-Isptar San Luqa kkommetejt serq ta' dokumenti u timbru, liema serq sar ghad-detriment tal-Gvern ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi ffalsifikajt u xjentement ghamilt uzu minn timbri jew marki ohra li qeghdin sabiex jittimbraw jew jimmarkaw, jawtentikaw jew jiccertifikaw fl-isem il-Gvern ta' Malta jew ta' l-awtoritajiet tieghu

dokumenti jew oggetti, sew jekkt ta' propjeta pubblika jew privata, jew li jkunu qeghdin taht il-garanzija pubblika u dan bi ksur tal-Art. 172 (1) u (2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi ghamilt falsifikazzjoni jew xjentement ghamilt uzu minn xi dokument iehor falsifikat u dan bi ksur tal-Art. 189 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi kellek fil-pussess tieghek xi oggetti li jkollu xi marka jew sinjal li juri li dak l-oggett huwa propjeta' tar-Repubblika ta' Malta, jew oggetti illi kont taf li huma propjeta' tar-Repubblika ta' Malta li l-awtorita' kompetenti ma taghtekx permess bil-miktub sabiex tkun tista' tiddisponi minnhom, u nqast li taghti kont sodisfacenti ta' kif l-oggett jew il-haga kienu gew ghandek u dan bi ksur tal-Art. 290 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, b'kull mezz kontra l-Ligi ghamilt uzu minn ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdejt b'qerq iehor, ingann jew billi wrejt haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti mmaginarji jew sabiex iqanqal tama jew iza' dwar grajja kimerika, ghamilt qliegh bi hsara ta' haddiehor u dan bi ksur tal-Art. 308 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, hin u cirkostanzi, ghamilt xi qliegh iehor b'qerq u dan bi ksur tal-Art. 309 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti umilment mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena marbuta ma dawn ir-reati, tordna lill-imputata thallas l-ispejjez a tenur ta' l-Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 ta' Jannar, 2005, sabiex dan il-kaz jkun trattat u deciz bil-procedura sommarja u semghet in-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat ghal din il-procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti tal-kawza;

Stante l-ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati u ghalhekk isib lill-imputat hati taghhom;

Wara li rat l-artikoli 261K, 285, 172 (1) u (2), 189, 290, 308 u 309 atal-Kap 9

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Minflok qed tikkubndannah qed tilleberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tlett (3) snin mil-lum skond l-art. 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------